

**Brussell, 18 ta' Lulju 2022
(OR. en)**

11485/22

**EF 211
ECOFIN 741
DELECT 124**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 4828 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 13.7.2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tal-kunflitti ta' interess għall-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 4828 final.

Mehmuż: C(2022) 4828 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2022
C(2022) 4828 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 13.7.2022

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tal-kunflitti ta'
interess għall-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 8(7) tar-Regolament (UE) Nru 2020/1503 dwar il-Fornituri ta' Servizzi ta' Finanzjament Kollettiv Ewropej għan-negozju ("ir-Regolament") jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, wara s-sottomissjoni tal-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), u skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, atti delegati li jispeċifikaw:

- (a) ir-rekwiżiti għall-manutenzjoni jew it-tħaddim tar-regoli interni msemmija fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 8;
- (b) il-passi msemmija fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 8;
- (c) l-arranġamenti għad-divulgazzjoni msemmija fil-paragrafi 5 u 6 tal-Artikolu 8.

Meta tiżviluppa dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji, l-ESMA għandha tqis in-natura, l-iskala u l-kumplessità tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv ipprovduti mill-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv.

L-Artikolu 8(3) jirrikjedi li l-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv iżommu u joperaw regoli interni effettivi biex jipprevjenu l-kunflitti ta' interess. L-Artikolu 8(4) jirrikjedi li l-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jieħdu l-passi xierqa kollha biex jipprevjenu, jidentifikaw, jimmaniġġjaw u jiżvelaw kunflitti ta' interess bejn il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv infushom, l-azzjonisti tagħhom, il-manigġers jew l-impjegati tagħhom jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika marbuta magħhom permezz tal-kontroll, u l-klijenti tagħhom, jew bejn klijent wieħed u klijent ieħor. L-Artikolu 8(5) u l-Artikolu 8(6) jispeċifikaw ir-rekwiżiti fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-kunflitti ta' interess.

F'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi l-ESMA, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-abbozzi ta' standards jekk tapprovax l-abbozzi ppreżentati. Il-Kummissjoni tista' wkoll tapprova l-abbozz tal-istandards parzjalment biss, jew b'emendi, meta l-interessi tal-Unjoni jkunu jesigū hekk, filwaqt li titqies il-proċedura speċifika stipulata f'dawk l-Artikoli.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika dwar abbozz tal-istandards tekniċi sottomess lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 8(7) tar-Regolament (UE) 2020/1503. Fis-26 ta' Frar 2021 ġie ppubblikat id-dokument ta' konsultazzjoni fuq is-sit web tal-ESMA, u l-konsultazzjoni għalqet fit-28 ta' Mejju 2021. Barra minn hekk, l-ESMA talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. Fir-rapport finali dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi, l-ESMA inkludiet spjegazzjoni dwar kif l-eżitu ta' dawn il-konsultazzjonijiet tqies fl-iżvilupp tal-abbozz finali tal-istandards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni.

Flimkien mal-abbozz ta' standards tekniċi, u skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA ppreżentat l-analiżi tagħha tal-kostijiet u l-benefiċċji relatati mal-abbozz ta' standards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni. Din l-analiżi hija inkluża fir-Rapport Finali dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi disponibbli fuq https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma35-42-1183_final_report_-_ecspr_technical_standards.pdf.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-abbozz tal-istandards tekniċi jispeċifika liema regoli interni għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu.

L-abbozz ta' standards tekniċi jistabbilixxi wkoll kriterji minimi li l-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jqisu meta jidentifikaw it-tipi ta' kunflitt ta' interess li jirriżultaw matul il-forniment ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u li l-eżistenza tagħhom tista' tagħmel ħsara lill-interessi ta' klijent.

Fl-aħħar nett, l-abbozz ta' standards tekniċi jistabbilixxi wkoll kif, fejn u meta l-informazzjoni dwar in-natura ġenerali u s-sors tal-kunflitti ta' interess u l-passi ta' mitigazzjoni għandhom jiġu żvelati u x'għandu jkun fihom.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 13.7.2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tal-kunflitti ta' interess għall-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara il-kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937¹ u b'mod partikolari l-Artikolu 8(7), ir-raba' sottoparagrafu, tagħha.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2020/1503 l-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom iżommu u joperaw regoli interni effettivi biex jipprevjenu l-kunflitti ta' interess. Sabiex jiġi żgurat li tali regoli jissodisfaw l-oġettiv tagħhom li jipprevjenu kunflitti ta' interess maż-żmien, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jirrieżaminaw dawk ir-regoli perjodikament u mill-inqas fuq bażi annwali, u jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi indirizzat kwalunkwe nuqqas fir-rigward ta' tali regoli.
- (2) Biex jimmaniġġjaw il-kunflitti ta' interess, il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li ma jiddependux iżżejjed fuq ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2020/1503. Għalhekk, huma għandhom jistabbilixxu regoli interni għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess. Ir-regoli interni għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess jenħtieġ li jkunu xierqa għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv ipprovduti, kif ukoll għad-daqs u l-organizzazzjoni tan-negozju tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv. F'dak ir-rigward, ir-regoli interni għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess jenħtieġ li jqisu, fejn rilevanti, iċ-ċirkostanzi relatati mal-fatt li l-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jappartjeni għal grupp.
- (3) Fit-tfassil ta' regoli interni għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jagħmlu l-aħjar sforzi tagħhom biex jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess. Meta madankollu jiġi identifikat kunflitt ta' interess, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw id-divulgazzjoni ta' dak il-kunflitt ta' interess lill-klijenti tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u lil kwalunkwe parti oħra li tista' tiġi affettwata.

¹ ĠU L 347, 20.10.2020, p. 1.

- (4) Jenħtieġ li l-passi li l-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jieħdu f'konformità mal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2020/1503 jiżguraw b'fiduċja raġonevoli li r-riskji ta' ħsara għall-interessi tal-klijenti jiġu evitati u, fejn dan ma jkunx possibbli, jittaffew b'mod xieraq.
- (5) Sabiex jiġi żgurat li l-klijenti jkunu jistgħu jieħdu deċiżjoni infurmata dwar is-servizzi li jippreżentaw kunflitt ta' interess reali, il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jżommu aġġornata l-informazzjoni, iddivulgata f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2020/1503, dwar in-natura ġenerali u s-sorsi tal-kunflitti ta' interess kif ukoll il-passi meħuda biex jimmitigawhom. Tali żvelar għandu jkun xieraq għan-natura tal-klijenti li lilhom huma indirizzati, b'mod partikolari billi titqies il-kwalifika tagħhom bħala investituri sofistikati jew mhux sofistikati, inklużi investituri prospettivi. Id-divulgazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-kunflitti ta' interess u r-riskji relatati għall-klijenti.
- (6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentati lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.
- (7) L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².
- (8) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ u ta opinjoni fl-1 ta' Ġunju 2022,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Iż-żamma u t-tħaddim ta' regoli interni għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jistabbilixxu bil-miktub, u jimplimentaw u jżommu, regoli interni għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess. Ir-regoli għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess għandhom ikunu xierqa għad-daqs u l-organizzazzjoni tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, kif ukoll in-natura, l-iskala u l-komplessità tan-negozju tiegħu.
2. Meta fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv ikun membru ta' grupp, ir-regoli interni għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom iqisu kwalunkwe ċirkostanza li tikkostitwixxi jew li tista' twassal għal kunflitt ta' interess minħabba l-istruttura u l-attivitajiet kummerċjali ta' membri oħra tal-grupp.
3. Ir-regoli interni għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jirrikjedu li l-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv:

² Ir-Regolament (UE) 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

³ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

- (a) jiżgura li kwalunkwe waħda mill-persuni msemmija fl-Artikolu 8(2), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2020/1503 ma tiġix aċċettata bħala sidien ta' proġetti fil-proġetti ta' finanzjament kollettiv offruti fuq il-pjattaforma ta' finanzjament kollettiv tagħhom;
 - (b) jidentifika jekk xi waħda mill-persuni msemmija fl-Artikolu 8(2), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2020/1503 ġietx aċċettata bħala investituri fil-proġetti ta' finanzjament kollettiv offruti fuq il-pjattaforma ta' finanzjament kollettiv tagħhom;
 - (c) jidentifika kwalunkwe ċirkostanza oħra li tista' twassal għal kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali bejn il-persuni msemmija fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2020/1503, filwaqt li jqis id-daqs u l-attivitajiet tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u, fejn applikabbli, tal-grupp li jappartjeni għalih, u r-riskju ta' ħsara għall-interessi tal-klijenti;
 - (d) fejn rilevanti, jispeċifika l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti u l-miżuri li għandhom jiġu adottati, inklużi l-proċeduri u l-miżuri li jikkonċernaw ir-responsabbiltajiet interni rilevanti fl-organizzazzjoni tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, biex jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/1503 u skont il-punt (c) ta' dan il-paragrafu.
4. Fis-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (b), il-persuni kif imsemmija fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2020/1503 li huma involuti f'attivitajiet ta' negozju differenti li jinvolvu kunflitt ta' interess tat-tip speċifikat fl-Artikolu 8(2), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2020/1503 għandhom iwettqu dawk l-attivitajiet f'livell ta' indipendenza xieraq għal:
- (a) id-daqs u l-attivitajiet tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv;
 - (b) fejn applikabbli, id-daqs u l-attivitajiet tal-grupp li għalih jappartjeni l-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv;
 - (c) għar-riskju ta' ħsara għall-interessi tal-klijenti.
5. Fis-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, il-punt (c), ir-regoli interni għandhom jikkonsistu minn dawn kollha li ġejjin:
- (a) proċeduri effettivi għall-prevenzjoni jew il-kontroll tal-iskambju ta' informazzjoni bejn persuni kif imsemmi fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2020/1503 li huma involuti f'attivitajiet li jinvolvu riskju ta' kunflitt ta' interess fejn l-iskambju ta' dik l-informazzjoni jista' jagħmel ħsara lill-interessi ta' klijent wieħed jew aktar tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv;
 - (b) dispożizzjonijiet għal superviżjoni separata ta' persuni kif imsemmi fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2020/1503 li l-funzjonijiet prinċipali tagħhom jinvolvu t-tweqqif ta' attivitajiet f'isem, jew il-forniment ta' servizzi lil, klijenti li l-interessi tagħhom jistgħu jkunu f'kunflitt, jew li b'xi mod ieħor jirrappreżentaw interessi differenti li jistgħu jkunu f'kunflitt, inklużi dawk tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv;
 - (c) it-tneħħija ta' kwalunkwe rabta diretta bejn ir-remunerazzjoni ta' persuni kif imsemmi fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2020/1503 li huma prinċipalment involuti f'attività waħda u r-remunerazzjoni ta', jew id-dħul iġġenerat minn, persuni differenti, kif imsemmi fl-Artikolu 8(4) tar-

Regolament (UE) 2020/1503, prinċipalment involuti f'attività oħra, fejn jista' jinħoloq kunflitt ta' interess fir-rigward ta' dawk l-attivitajiet;

- (d) miżuri li jipprevjenu jew jillimitaw kwalunkwe persuna milli teżerċita influwenza mhux xierqa fuq il-mod li bih persuna kif imsemmi fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2020/1503 twettaq servizzi ta' finanzjament kollettiv;
 - (e) miżuri għall-prevenzjoni jew il-kontroll tal-involvement simultanju jew sekwenzjali ta' persuna kif imsemmi fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2020/1503 f'servizzi ta' finanzjament kollettiv separati fejn tali involvement jista' jfixkel il-ġestjoni xierqa tal-kunflitti ta' interess.
6. Il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jivvalutaw u jirrieżaminaw ir-regoli interni tagħhom biex jipprevjenu l-kunflitti ta' interess mill-inqas darba fis-sena u għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jindirizzaw kwalunkwe nuqqas identifikat.

Artikolu 2

Passi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess

1. Il-passi li l-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv huma meħtieġa jieħdu f'konformità mal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2020/1503 għandu jkollhom l-għan li jiżguraw b'fiduċja raġonevoli li r-riskji ta' ħsara għall-interessi tal-klijenti ser jiġu evitati, u, fejn dan ma jkunx possibbli, jiġu mitigati b'mod xieraq.
2. Għall-finijiet tal-identifikazzjoni tat-tipi ta' kunflitt ta' interess li jirriżultaw waqt il-forniment ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u li l-eżistenza tagħhom tista' tagħmel ħsara lill-interessi ta' klijent, minbarra t-tipi ta' kunflitti ta' interess imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/1503, il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom iqisu, bħala minimu, jekk xi waħda mill-persuni msemmija fl-Artikolu 8(4) ta' dak ir-Regolament:
 - (a) huwiex probabbli li tagħmel qligħ finanzjarju, jew tevita telf finanzjarju, għad-detriment tal-klijent;
 - (b) jistax ikollha interess fl-eżitu ta' servizz ipprovdut lil klijent, li jkun distint mill-interess tal-klijent f'dak l-eżitu;
 - (c) ikollha inċentiv finanzjarju jew inċentiv ieħor biex tiffavorixxi l-interess ta' klijent jew grupp ta' klijenti fuq l-interessi ta' klijent ieħor.

Artikolu 3

Divulgazzjonijiet dwar in-natura ġenerali u s-sors tal-kunflitti ta' interess u l-passi ta' mitigazzjoni

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jippubblikaw u jaġġornaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2020/1503 fuq is-sit web tagħhom f'post li jkun faċilment aċċessibbli għall-klijenti. Il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandu jiddivulga dik l-informazzjoni lill-klijenti fuq mezz durabbli, sakemm ma jkun ġie identifikat l-ebda kunflitt ta' interess f'konformità mal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2020/1503, u għandu jaġġorna dik l-informazzjoni fejn rilevanti.
2. Id-divulgazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun fiha deskrizzjoni speċifika u ċara tal-kunflitti ta' interess u r-riskji assoċjati identifikati fil-kuntest ta' servizz partikolari, filwaqt li titqies in-natura tal-klijenti li lilhom tkun qed issir id-

divulgazzjoni, b'mod partikolari l-kwalifika tagħhom bħala investituri prospettivi sofisticati jew mhux sofisticati.

Artikolu 4
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13.7.2022

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN